

Brussell, 16 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14041/25

ENV 1020

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI ta' XXX li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għaż-żebgħat, il-verniċi u l-prodotti relatati dekorattivi, għall-kisjiet ta' rendiment u l-prodotti relatati, u għaż-żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2014/312 - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Peress li l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' miżuri msemmi hawn fuq¹ għal skrutinju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE².

¹ 12689/25 + ADD1, ADD1 COR1, ADD2, ADD3 – D108494/1 + l-Annessi.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li m'hemmx raġunijiet biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tagħhom³.
3. Għalhekk, is-Segretarjat Ġenerali jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma li ma hemm l-ebda raġuni biex jopponi l-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jopponi l-adozzjoni ta' tali miżuri minħabba li dawn jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, mhumiex kompatibbli mal-għan jew mal-kontenut tal-istrument bażiku jew mhumiex konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.